31993L0057

23.8.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 211/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/57/KEE

tad-29 ta' Ġunju 1993

li temenda l-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel ta' l-oriġini mill-annimalirispettivament

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE tal-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali [1], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE tal-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom oriġini mill-annimali [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi huwa mixtieq li tkun aġġornata n-nomenklatura fl-Anness I għal kull waħda mid-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE biex dawn ikunu konformi mar-Regolament tad-Deċiżjoni (KEE) Nru 2587/91 [3];

Billi huwa mixtieq ukoll li jitwessa l-iskop ta' l-Anness I għad-Direttiva 86/362/KEE biex ikun jinkludi ross bil-ħliefa u parzjalment-miħun jew ross kollu miħun flimkien ma' ross li għadu fil-fosdqa jew mhux miħun, peress li proporzjon sinifikanti ta' ross bħal dan jitpoġġa fiċ-ċirkulazzjoni;

Billi, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u l-kriterji tas-saħħa pubblika u l-agrikoltura, issa huwa mixtieq li l-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE ikun supplimentat f'dak li għandhom x'jaqsmu d-disposizzjonijiet għall-istabbiliment tal-livelli massimi għall-bajd u l-isfar tal-bajd ta' l-għasafar u għall-istabbiliment tal-livelli għall-pestiċidi elenkati hemmhekk; billi, għall-kjarezza, huwa mixtieq li tkun ippreżentata l-verżjoni kkonsolidata ta' l-imsemmi Anness;

Billi huwa wkoll mixtieq, minħabba l-istess raġunijiet, li jkunu emendati d-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE billi jiżdiedu disposizzjonijiet dwar residwi tal-pestiċidi oħrajn għaċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom oriġini ta' l-annimali, primarjament *acephate, benomyl, carbendazim, chlorpyrifos, chlorpyrifos-methyl, chlorthalonil, cypermethrin, deltamethrin, fenvalerate, glyphosate, imazalil, iprodione, mancozeb, maneb, methamidophos, metiram, permethrin, procymidone, propineb, thiophanate-methyl, vinclozolin, zineb*;

Billi, b'dana kollu, it-tagħrif disponibbli m'huwiex biżżejjed għal ċerti kumbinazzjonijiet ta' pestiċidi-ċereali/oġġetti ta' l-ikel li għandhom oriġini mill-annimali kif inhu xieraq; billi huwa meħtieġ perijodu, li ma jeċċedix aktar minn erba' snin, biex jiġġenera dan it-tagħrif; billi, għalhekk, il-livelli massimi għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' dan it-tagħrif sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1998; billi n-nuqqas li jkun ipprovdut tagħrif sodisfaċenti normalment jirriżulta fl-istabbiliment ta' livelli fil-limitu xieraq tad-determinazzjoni;

Billi, biex ikun ikkalkulat aħjar kemm jidħol residwu ta' pestiċida fl-ikel, ikun prudenti li jkunu stabbiliti fl-istess ħin, meta jkun possibbli, livelli ta' residwu massimi għall-pestiċidi individwali fil-komponenti maġġuri kollha ta' l-ikel; billi dawn il-livelli jirrappreżentaw l-użu tal-kwantitajiet minimi tal-pestiċida biex jintlaħaq il-kontroll adekwat, applikat b'tali mod li l-ammont ta' residwu jkun l-iżgħar b'mod prattikabbli u tossikoloġikament aċċettabbli;

[1] L 221, 7. 8. 1986, p. 37. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/654 (L 353, 17. 12. 1990, p. 48).
[2] L 221, 7. 8. 1986, p. 43.
[3] L 259, 26. 7. 1991, p. 1.

Billi l-livelli tar-residwu massimi stabbiliti fid-Direttiva kurrenti għandhom ikunu riveduti fil-qafas ta' ri-valutazzjonijiet tas-sustanzi attivi li hemm provvediment dwarhom fil-programm ta' ħidma stabbilit fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tpoġġija fis-suq ta' prodotti għall-protezzjonital-pjanti [1],

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 86/362/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1) L-Anness Igħandu jittieħedmibdul b'dan li ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
ex 1001	Qamħ
1002 00 00	Sikrana
1003 00	Xgħir
1004 00	Ħafur
1005	Qamħirrum
1006	Ross
1007 00	Qamħ sorgu
ex 1008	Buckwheat, dekkuk, ċereali oħrajn

2) ir-residwi ta' pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Parti A ta' l-Anness II:

Ir-residwi tal-pestiċidi		Il-livelli massimi f'mg/kg (ppm)	
20. ACEPHATE		0,02 (*)	
21. BENOMYL 22. CARBENDAZIM 23. THIOPHANATE-METHYL	somma espressa bħala carbendazim	(a): 0,1*:	xgħir ċereali oħrajn
24. CHLORPYRIFOS		(b): 0,05 (*):	xgħir ċereali oħrajn
25. CHLORPYRIFOS-METHYL		0,05*:	ross
26. CHLORTHANLONIL		0,1: 0,01 (*):	qamħ, sikrana, xgħir, ħafur u triticale ċereali oħrajn
27. CYPERMETHRIN, inklużi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti (is-somma ta' l-iżomeri)		(b): 0,05 (*):	xgħir, ħafur, sikrana u triticale 30. GLYPHOSATE
28. DELTAMENTHRIN		1	
29. FENVALERATE, inklużi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti (is-somma ta' l-iżomeri)		(b): 0,05 (*):	xgħir, ħafur, sikrana u triticale ċereali oħrajn
30. GLYPHOSATE		5: 20: 0,1 (*):	qamħ, sikrana u triticale xgħir u ħafur ċereali oħrajn
31. IMAZALIL		0,02 (*)	
32. IPRODIONE		0,5: (ċ): 0,02:	qamħ xgħir u ross ċereali oħra

[1] L 230, 19. 8. 1991, p. 1.

Ir-residwi tal-pestiċidi	Il-livelli massimi f'mg/kg (ppm)
33. MACONZEB 34. MANEB 35. METIRAM 36. PROPINEB 37. ZINEB — is-somma espressa bħala CS_2	0,05 (*): qamħirrum u ross (b): ċereali oħrajn
38. METHAMIDOPHOS	0,01 (*)
39. PERMETHRIN (is-somma ta' l-iżomeri)	0,2: qamħirrum 2: ċereali oħrajn
40. PROCYMIDONE	0,02 (*)
41. VINCLOZOLIN (is-somma ta' vinclozolin u l-metaboliti kollha li jkollhom in-nofs ta' 3,5-dichloroaniline, espressa bħala vinclozolin)	0,05 (*)

(*) Jindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika.
(a)(b)(c) Jekk dawn il-livelli ma jkunux adottati sal-1 ta' Jannar 1998, il-livelli massimi li ġejjin għandhom ikunu japplikaw minn hemm 'il quddiem

(a): 0,1*

(b): 0,05*

(c): 0,02*

L-Artikolu 2

Id-Direttiva 86/363/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1) L-Anness Igħandu jkunmibdul b'dan li ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0201	Laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat, frisk jew imkessaħ
0202	Laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat, iffriżat
0203	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat
0204	Laħam tan-ngħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffirżat
0205 00 00	Laħam taż-żwiemel, ħmir, bgħula, frisk, imkessaħ jew iffriżat
0206	Fdalijiet ta' l-ikel ta' l-annimali ta' l-ifrat, majjal, ngħaġ, mogħoż, żwiemel, ħmir, bgħula, frisk, imkessaħ jew iffriżat
0207	Laħam u raċanċ li jittiekel, tat-tjur ta' l-intestatura Nru 0105 (tjur ta' l-ispeċi Gallus domesticus, papri, wiżż, dundjani u fargħuni), friski, imkesshin jew iffriżati
ex 0208	Laħam ieħor u raċanċ tal-laħam li jittiekel, frisk, imkessaħ jew iffriżat
0209 00	Xaħam tal-majjal mingħajr of dgħif u x-xaħam tat-tjur (mhux imdwweb), frisk, imkessaħ, iffirżat, immellaħ fis-salmura, d'dadi jew imnixxef bid-duħħan
0210	Laħam u r-raċanċ tal-laħam li jittiekel, immellaħ fis-salmura, imqadded jew imnixxef bid-duħħan; dqiq u smida tal-laħam tajbin għall-ikel u jew ir-raċanċ tal-laħam
0401	Ħalib u krema, mhux ikkonċentrati u lanqas li jkollhom zokkor miżjud jew materjali oħra tal-ħlewwa
0402	Ħalib u krema, ikkonċentrati jew li jkollhom iz-zokkor miżjud jew materjali oħra tal-ħlewwa
0405 00	Butir u xaħmijiet oħra u żjut li jkunu ġejjin mill-ħalib
0406	Ġobon u baqta
0407 00	Bajd ta' l-għasafar, fil-qoxra, firsk, ippriservat jew imsajjar
0408	Bajd ta' l-għasafar, mhux fil-qoxra, u isfra tal-bajd, firski, imqadda, imsajra bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma, fil-forma, iffriżati jew b'mod ieħor ippriservati, kemm jekk ikollhom zokkor miżjud u anki jekk le jew inkella xi materjali oħra tal-ħlewwa
1601 00	Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, raċanċ tal-laħam jew demm: preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti
1602	Raċanċ ieħor tal-laħam jew demm ippreparati jew ippriservati

2) L-Anness II preċedenti għandu jsir l-Anness II, il-Parti A, u għandu jkun emendat u ppreżentat mill-ġdid kif ġej:

Residwi tal-pestiċidi	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
	ta' xaham, li jkun hemm fil-laham, preparazzjonijietta' laham, racanc u xahmijiet ta' l-annimali li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602. (1) (4)	għall-ħalib tal-baqra u krema shiha tal-ħalib tal-baqra li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nru 0401; għall-oġġetti l-ohra ta' l-ikel fl-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406 b'konformità ma' (2) (4)	ta' bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nri 0407 00 u 0408 (3) (4)
1. ALDRIN 2. DIELDRIN (HEOD) waħdu jew ikkumbinat espress bħala dieldrin	0,2	0,006	0,02
3. CHLORDANE (is-somma ta' cis- u trans-iżomeri u oxyclordane espress bħala chlordane)	0,05	0,002	0,005
4. DDT (is-somma ta' p,p-DDT, o,p'-DDT, p,p'DDE u p,p'-TDE (DDD) espress bħala DDT)	1	0,04	0,1
5. ENDRIN	0,05	0,0008	0,005
6. HEPTACHLOR (is-somma ta' heptachlor u heptachlor epoxide, espress bħala heptachlor)	0,2	0,004	0,02
7. HEXACHLOROBENZENE (HCB)	0,2	0,01	0,02
8. HEXACHLOROCYCLOHEXANE (HCH)			
Alfa-izomeru	0,2	0,004	0,02
beta-iżomeru	0,1	0,003	0,01
gamma-iżomeru (lindane)	2 ex 0204 laham tan-naghag 1 prodotti ohrajn	0,008	0,1
9. CHLORPYRIFOS	0,05 (*) 0207 laham tat-tjur	0,01 (*)	0,01 (*)
10. CHLORPYRIFOS-METHYL	0,05 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
11. CYPERMETHRIN inkluzi taħlitiet ohra ta' izomeri kostitwenti (is-somma ta' l-izomeri)	0,05 (*) 0207 laham tat-tjur 0,2 prodotti ohrajn	0.02	0,05 (*)
12. DELTAMETHRIN	0,05 0207 laham tat-tjur		0,05 (*)
13. FENVALERATE inklużi taħlitiet oħrajn ta' l-iżomeri kostitwenti (is-somma ta' l-izomeri)	([a]) 0207 laham tat-tjur 0,5, prodotti ohrajn	([a])	([a])
14. PERMETHRIN (is-somma ta' l-izomeri)	0,5	0,05	0,05

(*) Jindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika.

(1) Fil-kaz ta' oggetti ta' l-ikel b'kontenut ta' xaham ta' 10% jew inqas bil-piz, ir-residwu ghandu jkun irrelatat ghall-piz totali ta' l-oggett ta' l-ikel bl-ghadam. F'dawn il-kazi, il-livell massimu huwa ta' wiehed minn kull ghaxra (1/10) tal-valur irrelatat mal-kontenut ta' xaham, izda ghandu jkun mhux inqas minn 0,01 mg/kg.

(2) Fid-determinazzjoni tar-residwi fil-halib tal-baqra mhux mahdum jew fil-krema shiha maghmula mill-halib tal-baqra, il-kontenut tax-xaham ta' 4% bil-piz ghandu jittiehed bhala bazi.
Ghall-halib mhux mahdum u krema shiha tal-halib ta' l-origini ta' l-annimal ohrajn, ir-residwi ghandhom ikunu espressi fuq il-bazi tax-xaham.
Ghall-oggetti l-ohra ta' l-ikel li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406:
— b'kontenut ta' xaham ta' inqas minn 2% bil-piz, il-livell massimu ghandu jittiehed bhala n-nofs ta' dak stabbilit ghall-halib mhux mahdum u krema shiha tal-halib,
— b'kontenut ta' xaham ta' 2% jew aktar bil-piz, il-livell massimu ghandu jkun espress f'mg/kg ta' xaham. F'dawn il-kazi, il-livell massimu huwa ta' 25 darba aktar minn dak stabbilit ghal halib mhux mahdum jew krema shiha tal-halib.

(3) Ghal bajd u prodotti tal-bajd b'kontenut ta' xaham oghla minn 10%, il-livell massimu ghandu jkun espress f'mg/kg ta' xaham. F'dan il-kaz il-livell massimu huwa ta' 10 darbiet aktar mil-livell massimu ghal bajd frisk.

(4) In-noti (1), (2) u (3) ma japplikawx meta l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika jkun indikat.

([a]) Jekk il-livelli ma jkunux gew adottati sal-1 ta' Jannar 1998, dan il-livell massimu li gej ghandu jkun japplika: 0,05 (*).

3. dan li ġej għandu jiżdied mal-Anness II:

'PARTI B

Residwi tal-pestiċidi	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
	ta' laħam, inkluż xaħam, preparazzjonijiet tal-laħam, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali li hemm elenkati fl-Anness I taħt l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602.	ghall-halib u prodotti tal-halib li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406	ta' bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nri 0407 00 u 0408
1. ACEPHATE	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
2. BENOMYL 3. CARBENDAZIM 4. THIOPHONATE-METHYL — is-somma espressa bħala carbendazim	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)
5. CHLOROTHALONIL	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
6. GLYPHOSATE	0,5 ex 0206 kliewi tal-majjal 2 ex 0206 kliewi taċ-ċanga, mogħoż u ngħaġ 0,1 (*) prodotti oħrajn	0,1 (*)	0,1 (*)
7. IMAZALIL	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
8. MANCOZEB 9. MANEB 10. METIRAM 11. PROPINEB 12. ZINEB — is-somma espressa bħala CS2	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
13. METHAMIDOPHOS	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
14. IPRODIONE 15. PROCYMIDONE 16. VINCLOZOLIN — (is-somma ta' komposti u l-metaboliti kollha li jkollhom in-nofs ta' 3,5-dichloroanaline espress bħala 3,5 dichloroanaline)	0,05 (*)	0,05 (*)	0.05 (*)

(*) Jindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika.'

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1993, il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew inkella jkunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kunsill

S. AUKEN

Il-President